Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 474/2015

Il-Pulizja

Spettur Victor Aquilina

Vs

David De Cesare

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David De Cesare detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 474882M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fi Frar 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghallimportazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-

droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tadDrogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghallimportazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tadDrogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Frar 2012 u fil-hames snin ta' qabel din iddata:

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda talOrdinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghallesportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond iddisposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx billicenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li ddroga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar ilKontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 talLigijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fi Frar 2012 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda talOrdinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghallesportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond iddisposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx billicenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li ddroga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar ilKontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 talLigijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt illi sabithu hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) u kkundannatu fir-rigward tal-imputazzjoni (a), ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' erba' mija u sebghin Euro (€470), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas millhati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din issentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika din iddata mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jaghmel pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghedet lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-

lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), ikkundannat lill-hati ghall-penali ta' hamsin Euro (€50).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation jew inkella jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-istess Ordni.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dok. VA1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura taddistruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Decesare, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tirriforma s-sentenza appellata billi;
2. Tikkonfermaha f'dik il-parti li l-Qorti lliberat lill-appellant mill-imputazzjoni bl-ittra 'b'.
3. Tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet htija tal-imputazzjoni bl-ittra 'c' u 'd' u
4. Tikkancellaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet htija tal-imputazzjoni bl-ittra 'a' u tillbierah minn tali mputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant David De Cesare huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-apepllant kien akkuzat u ammetta fis-stadju bikri tal-kawza illi huwa kellu fil-pussess teighu droga li huwa kien juza ghalih innifsu u dan stante kif qal huwa stess kien ilu jaghmel uzu mid-droga ghal dawn l-ahhar hdax (11) il-sena.

Illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u dan gahliex l-istess spettur investigattiv fehem u ddikjara fil-Qorti li dan kien traffikar by sharing. Fil-fatt il-persuna li kienet giet arrestata flimkien mal-appellant, certu Maurice Arrig, tenna ghal darba tnejn u kkonferma bil-gurament li l-appellant qatt ma beghlu xi droga.

Illi l-uniku fatt li setgha attribwixxa ghal tali allegazzjoni ta' traffikar kien biss l-istatement tal-appellant ki lien ittiehed meta l-appellatn ma kienx ghazel li jikkonsulta mal-Avukat jew prokuratur legali ta' fiducja tieghu. Dan il-fatt huwa konfermat mill-istatement tal-appellant liema statement fic-cirkostanzi ghalkemm l-istatement kellu iservi bhala prova, l-valur probatorju ta' tali dikjarazzjoni ma kienetx sorretta minn l-ebda prova ohra.

Illi fil-fatt din il-persuna li allegatament hadet id-droga minghand l-appellant ma tressqitx tixhed.

Illi l-ebda analizi ma saret fuq l-allegata droga li giet traffikata.

Illi difficilment fic-cirkostanzi il-Qorti setghet biss toqghod fuq din il-parti tal-istqarrija meta l-ufficjali proskeutur iddikjara li dan il-kaz kien wiehed ta' sharing u mhux traffikar.

Illi fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-aggracju, il-piena ghandha imbghad tirrifletti din ic-cirkostanza u l-piena ta' prigunerija ghandha tigi wkoll imenhhija stante li l-appellant illum il-gurnata irrforma ruhu. Din kienet fil-fatt it-trattazzjoni tal-proskuxxjoni stess fejn gie ddikjarat li… 'llum qed narah hawn hekk u smajtu jitkellem nista' nghid li huwa wiehed minn dawk il-ftit li nahase li din it-tbezbiza kienet bizzejjed biex jirranga. Jien nahseb li l-Qorti ghandha tikkonsidra dan meta tigi ghal-piena';

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jikkoncerna biss konsiderazzjonijiet dwar is-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti u cioe' dik fejn huwa gie misjub hati tar-reat ta' traffikar tad-droga erojina. L-appellanti jargumenta illi l-unika prova li tista tixhet dawl fuq dina l-akkuza huwa biss dak affermat mill-appellanti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fejn iddikjara illi f'okkazzjoni wahda biss huwa kien akkwista d-droga erojina ghal habib tieghu , liema prova ma hijiex ikkoroborata bl-ebda mod u cioe' la bix-xhieda ta' dan l-allegat habib sabiex jikkonferma dan il-fatt mistqarr mill-appellanti u lanqas bl-analizi tas-sustanza li allegatament giet ittraffikata.

Issa minn ezami ta'l-iter processwali f'dan il-kaz huwa evidenti illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn ta'l-ewwel akkuza hija fil-fatt l-istqarrija ta'l-appellanti meta huwa jistqarr hekk:

***"Xi tlett gimghat ilu kien hemm habib tieghi u talabni biex insiblu min ghand min nixtri pakkett erojina. Kien taghni €20 u meta mort nixtri ghalija, gibtlu pakkett. Wara mort u ghaddejtlu dan il-pakkett il-Balluta. Id-droga ma hadnijiex flimkien u huwa telaq minnufih ghal rasu. Din kienet l-ewwel u l-ahhar darba li jien ghaddejt pakkett lil xi hadd."***

Ikkunsidrat,

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija ta'l-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi ukoll jirrizulta illi l-appellanti inghata l-jedd jikseb parir legali qabel ma irrilaxxja dina l-istqarrija liema jedd huwa irrinunzja ghalih b'mod volontarju u ghalhekk ghadda sabiex jaghmel id-dikjarazzjoni inkriminanti tieghu. Illi tali dikjarazzjoni hija ghalhekk wahda sufficjenti ghalbiex il-Qorti tasal ghal sejbien ta' htija u dan sakemm ma hemmx xi prova illi tali dikjarazjoni tista' tkun wahda ivvizzjata, liema

allegazzjoni ma jidhirx illi tressqet f'dan il-kaz, tant illi mil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, jirrizulta illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar il-volontarjeta' ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti. Illi allura l-Ewwel Qorti ma kellha bzonn l-ebda prova ohra sabiex tikkorobora dak iddikjarat mill-appellanti, u dan kif sottomess minnu fl-aggravvju minnu interpost u cioe' il-prova permezz tax-xhieda tat-terza persuna lil lilha huwa forna d-droga u l-analizi ta'l-istess droga, iktar u iktar meta imbaghad fix-xhieda moghtija minnu fil-Qorti l-appellanti jidher illi jonqos milli isemmi dan il-fatt minnu iddikjarat fl-istqarrija tieghu u jaghti xi spejgazzjoni valida dwar dak li kien gie mistqarr minnu jew inkella li iressaq provi biex jikkontrobatti u ixejjen dina l-prova tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti ukoll jinsisti illi dan kien kaz klassiku ta' *trafficking by sharing* u dan kif dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur stess fis-seduta tat-03 ta' Gunju 2013. Illi l-Ewwel Qorti madanakollu hasset illi ma setghetx tilqa' din "il-kwalifika" ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet u allura l-appellanti irtira l-ammissjoni minnu irregistrata fl-ewwel seduta.

Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-*trafficking by sharing*, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta'l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:

**"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, *sharing* u mhux *sharing* – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għalmin qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-*sharing* imma qed ngħidu li fil-każ ta' *sharing* mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.**

**Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li d-droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta'** ***sharing*** **u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta'** ***sharing,*** **ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.[1]"**

Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'mohhu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma' haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess aggravat.

Illi mid-dicitura tal-ligi johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "***the offender intended to consume the drug on the spot with others.***" Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi kif gara f'dan il-kaz, li huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz erojina) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi *joint* u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand dan siehbu li ma isemmiex min hu, sabiex huwa jakkwista l-erojina ghalih. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn

[1] Seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006

haddiehor biex jakkwistalu id-droga – figura li certament ma tistax tinkwadra ruhha fid-definizzjoni tal-ligi tat-*trafficking by sharing*. Kwindi din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Illi anke meta giet biex tikkunsidra l-piena li kellha tigi inflitta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena fil-*minimum* taghha u anke offriet l-ghajnuna kollha u ikkontemplata fil-ligi sabiex l-appellanti ma juzax il-perijodu zghir li ser ikun inkarcerat ghad-detriment tieghu u ukoll li ikollu l-ghajnuna kollha mehtiega meta huwa imbaghad ikun skonta l-piena karcererja inflitta fuqu. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in**

**Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[2]"**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005